MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 334/2004/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Joseph Scicluna u Driveline Services Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

F'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Novembru, 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi jinghad hekk:

“F’din il-kawża l-korporazzjoni attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta’ erbgħa u tletin elf, tmien mija u wieħed u tmenin lira u sitt ċenteżmi (Lm34,881.06), bilanċ tal-prezz ta’ *fuel* illi tgħid illi ikkonsenjat lill-konvenuti, flimkien ma’ l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax minn dakinhar tal-konsenja sa meta jsir il-ħlas.
“L-attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b’digriet tat-12 ta’ Novembru 2004 ordnat illi l-kawża tinstema’ taħt il-proċedura ordinarja, u l-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-konvenut Joseph Scicluna *proprio* ma huwiex kontradittur leġittimu għax hu ma għamel ebda negozju ma’ l-attriċi f’ismu proprju iżda biss bħala direttur f’isem is-soċjetà konvenuta;

2. is-soċjetà konvenuta ma għandha tagħti xejn lill-korporazzjoni attriċi għax ħallset għal dak kollu li kien konsenjat lilha; u

3. ma huwiex minnu illi l-attriċi tassew ikkonsenjat lill-konvenuta l-ammont ta’ prodotti mibjugħa.

“Barra mill-kwistjoni dwar ir-responsabbiltà personali tal-konvenut Joseph Scicluna *proprio*, il-kwistjoni ewlenija f’din il-kawża hija dwar jekk il-korporazzjoni attriċi ikkonsenjatx lis-soċjetà konvenuta l-prodotti kollha li qiegħda titlob ħlas għalihom.

“Il-korporazzjoni attriċi kienet tbigħ fuel lis-soċjetà konvenuta, li kienet tmexxi negozju ta’ pompa tal-petrol u fuels oħra. Ġara iżda illi, meta qabblet il-volum li suppost xtrat mingħand l-attriċi u l-volum li kienet tbigħ mill-pompa, is-soċjetà konvenuta sabet illi ma kinitx qiegħda tbigħ daqskemm suppost kienet xtrat. Ġiet eliminata l-possibbiltà illi kien hemm xi *leakage* mit-tankijiet tal-konvenuta, u ma tibqax alternattiva ħlief illi r-raġuni għan-nuqqas bejn dak li kienet tixtri l-konvenuta u dak li kienet tbigħ kienet illi f’xi waqt wara li l-*bowsers* tal-korporazzjoni attriċi kienu joħorġu mid-depożiti tagħha kienet tinsteraq kwantità ta’ *fuel*. Id-differenza bejn il-kwantità li suppost

kellha tiġi konsenjata u l-kwantità li fil-fatt sabet il-konvenuta kienet ta' sebgħa u erbgħin elf u seba' mitt litru (47,700 l) u kienet tiswa ħmistax-il elf, mija u sebgħa u erbgħin lira (Lm15,147).

"Il-kwistjoni għalhekk hija f'liema waqt sar is-serq: jekk is-serq sar mill-impjegati ta' l-attriċi, li, għall-għanijiet tal-konsenja, jitqiesu bħala aġenti tagħha, mela ma saritx konsenja lill-konvenuta, u din ma għandhiex tħallas għal dak li ma kienx konsenjat lilha; min-naħa l-oħra, jekk is-serq sar wara li tkun saret il-konsenja, mela s-serq sar mingħand il-konvenuta, u din għandha tħallas għall-konsenja li saret qabel is-serqa, bla ħsara, naturalment, għal kull jedd illi din ikollha kontra min seraqha.

"Il-*bowsers* kienu joħorġu mid-depożiti tal-korporazzjoni attriċi bis-siġilli li kienu jinkisru hekk kif jaslu għand il-konvenuta għall-konsenja. Impjegat tal-konvenuta kien jivverifika b'*dipstick* il-volum fil-bowser qabel ma jibda jinħatt u wara, biex hekk jasal għall-volum tal-konsenja. B'din il-proċedura suppost illi l-fuel ikun verifikat f'kull waqt. Il-*bowsers* ta' l-attriċi kienu wkoll ikunu segwiti b'dispożittivi ta' *Datatrack Systems Limited* li bihom tkun taf mnejn għaddew u kemm damu weqfin f'kull post, u mir-*records* relativi ma deher xejn irregolari, fis-sens illi l-*bowsers* ma damux weqfin f'xi post għal ħin twil biżżejjed biex jitteħdilhom il-*fuel* fi kwantitajiet relevanti.

"Jifdal biss għalhekk illi s-serq seta' sar fil-waqt meta l-*fuel* kien jinħatt mill-*bowsers* għal ġo t-tankijiet tal-konvenuta.

"Wara li qieset sew ix-xhieda l-qorti hija sodisfatta illi wieħed mill-impjegati tal-korporazzjoni attriċi, li kien isuq il-*bowsers* li kienu jwasslu l-*fuel* għand il-konvenuta, kien żgur kompliċi fis-serq, u għandha wkoll suspett qawwi — għax bis-sistema ta' kontroll li kien hemm ma setax jinsteraq il-*fuel* minn min kien mal-*bowser* jekk mhux b'kompliċità ma' min kien mal-pompa — illi kien kompliċi miegħu wieħed mill-impjegati tal-konvenuta.

"Il-konsegwenza għalhekk hi illi kien hemm nuqqas mill-korporazzjoni attriċi lejn is-soċjetà konvenuta, għax

impjegat ta' l-attriċi kien kompliċi f'komplott biex lill-konvenuta ma jingħatax dak kollu li xtrat, iżda kien hemm ukoll nuqqas minn impjegat tal-konvenuta stess, li f'isimha laqa' konsenja li fil-fatt ma waslitx. Is-soluzzjoni, fil-fehma tal-qorti, tista' tkun biss waħda ta' ekwità, billi kull waħda mill-partijiet iġġorr sehem indaqs mit-telf, bla ħsara għall-jeddijiet tagħhom kontra min seraqhom.

"In-nuqqas fil-konsenja kien jiswa ħmistax-il elf, mija u sebgħa u erbgħin lira (Lm15,147)[1]; għalhekk kull parti għandha ġġorr nofs it-telf, li jiġi sebat elef, ħames mija u tlieta u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm7,573.50). Tassew illi l-konvenuta tgħid illi dan l-episodju tefagħha lura fin-negozju u minħabba f'hekk ġarrbet telf ieħor, iżda għal dan it-telf għandhom iwieġbu l-ħallelin u mhux l-attriċi.

"Għalhekk mill-bilanċ ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija u wieħed u tmenin lira u sitt ċenteżmi (Lm34,881.06) mitlub mill-attriċi għandu jsir tnaqqis ta' sebat elef, ħames mija u tlieta u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm7,573.50), u jifdal sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u seba' liri u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm27,307.56), li għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta lill-korporazzjoni attriċi.

"Tifdal il-kwistjoni tar-responsabbiltà personali ta' Joseph Scicluna proprio.

"Dan qiegħed igħid illi hu ma kienx parti fin-negozju f'ismu proprju; l-attriċi iżda qiegħda tistrieħ fuq ittra tat-28 ta' Mejju 2001 mill-konvenut Joseph Scicluna liċ-chairman tal-korporazjoni attriċi li fiha, dwar il-ftehim bejn l-attriċi u l-konvenuta, Joseph Scicluna jgħid hekk:

"*"I Joseph Scicluna … … … do hereunder state that I am binding myself personally and in my own personal capacity to carry out all the obligations and follow all conditions as seen and arised [sic] out of the above mentioned contract … … …"*

---

[1] Ara x-xhieda ta' Joseph Scicluna fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2005, *fol.* 381.

"Billi waħda mill-obbligazzjonijiet hija dik ta' ħlas, il-konvenut Joseph Scicluna ntrabat f'ismu bħala garanti li jagħmel tajjeb għall-ħlas. Billi l-obbligazzjoni ewlenija hija waħda kummerċjali, il-konvenut *proprio* bħala garanti huwa marbut *in solidum*, kif irid l-art. 115(2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mit-talbiet tal-korporazzjoni attriċi u mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi tikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lill-attriċi s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u seba' liri u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm27,307.56) flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzzjoni. L-ispejjeż jinqasmu hekk: parti minn erbgħa (¼) tħallasha l-korporrazzjoni attriċi u tliet partijiet minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-konvenuti."

**L-appelli interposti.**

Mis-sentenza fuq riportata appellaw kemm Joseph Scicluna *proprio* u s-socjeta` Driveline Services Limited, kif ukoll, b'mod incidentali, appellat il-Korporazzjoni Enemalta.

Fir-rikors ipprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2006 l-appellanti Joseph Scicluna *proprio* kif ukoll is-socjeta` Driveline Services Limited talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-istess appellati, billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni appellata, bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni appellata.

Il-Korporazzjoni Enemalta ipprezentat sew risposta ghall-appell tal-konvenuti fejn gie rilevat li s-sentenza appellata "*hija ekwa u gusta in kwantu l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kkundannat lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf tlett mija u seba' liri u sitta u hamsin centezmu (LM27,307.56)*", biss irrilevat li hija kienet thossha aggravata bid-decizjoni appellata, u ghalhekk interponiet appell incidentali "*in kwantu l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ghabbiet lill-Korporazzjoni Enemalta bir-responsabbilita` li ggorr nofs*

*it-telf, ammontanti ghal sebat elef hames mija tlieta u sebghin lira u hamsin centezmu u nkawntu ghall-kap ta' l-ispejjez fejn il-Korporazzjoni Enemalta giet kundannata thallas kwart mill-ispejjez tal-kawza."*

**L-aggravji mressqa.**

Il-konvenuti appellanti ressqu essenzjalment zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn huma indirizzati fl-ewwel lok lejn dik il-parti tad-decizjoni fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li kull parti ghandha tbati nofs in-nuqqas li rrizulta, u fit-tieni lok qed isir ilment dwar il-fatt li l-ewwel Qorti sabet li l-konvenut Joseph Scicluna kien ukoll responsabbli personalment ghall-ammont rizultanti bhala dovut lis-socjeta` attrici.

Fl-appell incidentali taghha s-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata nkwantu giet ordnata li tbati parti ossia nofs mill-ammank li rrizulta fil-fuel billi qed issostni li "*ma ngabet ebda prova reali li kien hemm nuqqas da parti ta' rapprezentant tal-Korporazzjoni li wassal ghal telf ammontanti ghal LM15,147 stante li fil-fatt il-konsenja li giet ezaminata mill-Onorabbli Prim Awla kienet tammonta ghall-frazzjoni zghira ta' l-ammank allegat mill-konvenuti*"; ghalhekk, issostni l-Korporazzjoni attrici li, se mai, ir-responsabbilita` kellha tinqasam bejn il-partijiet biss fir-rigward ta' din il-konsenja u dan apparti l-fatt li "*l-konvenuti gia` kienu hallsu l-ammonti dovuti in relazzjoni ghal din il-konsenja partikolari a saldu.*"

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-Korporazzjoni attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu kkundannati solidalment bejniethom li jhallsu s-somma ta' LM34,881.06 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' fuel lilhom ikkonsenjat. It-talba kienet maghmula a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 billi kien gie dikjarat li l-konvenuti ma kellhom ebda eccezzjonijiet xi jressqu. L-ewwel Qorti izda kkoncediet lill-konvenuti jipprezentaw eccezzjonijiet u dawn irrelevaw fl-ewwel lok illi Joseph Scicluna *proprio* ma kienx legittimu kontradittur ghax hu ma kien ghamel ebda negozju mal-Korporazzjoni attrici;

fit-tieni lok li s-socjeta` konvenuta ma ghandha taghti xejn ghax hallset ghal dak kollu konsenjat lilha; u finalment eccepiet li ma giex kkonsenjat lilha l-ammont ta’ prodotti mibjugha.

**Ikkunsidrat:**

Irrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet tiggestixxi pompa tal-petrol gol *grounds* tal-Malta International Airport, liema pompa kienet ta’ proprjeta` tal-istess ajruport. Biex taghmel hekk u sabiex tkun tista’ taqdi lill-klienti, is-socjeta` konvenuta kienet dahlet fi ftehim mal-Korporazzjoni Enemalta, liema ftehim, li jgib id-data tal-25 ta’ Mejju, 2001, jelenka d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-partijiet in konnessjoni mal-konsenja tad-diversi tipi ta’ *fuel.* Fl-istess data l-konvenut Joseph Scicluna rrilaxxa dikjarazzjoni *in iscritto* indirizzata lic-Chairman tal-Koporazzjoni attrici u intestata **Agreement entered on the 25th May 2001**, fejn stqarr hekk “*I …… do hereby state that I am binding myself personally and in my own personal capacity to carry out all the obligations and follow all conditions as seen and arised out of the above mentioned contract which also bears my agreement and signature of directors of the said company.*”

Kollox ma’ kollox ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-ammonti li jirrizultaw fuq l-*invoices* li gew pprezentati mill-Korporazzjoni attrici u elenkati fid-Dok. A a fol. 5 tal-process. Infatti l-istess Joseph Scicluna jghid espressament li “*Jien mhux qed nikkontesta l-ammont … jien qed nikkontesta s-supply ta’ dak l-ammont ghax l-ammont qieghed hemm, mela jien nista’ mmeri invoice? Ma nistax immeri invoice*” – (fol. 383). Ghalhekk, ghalkemm fit-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta ssostni li hija ma ghandhiex taghti xejn ghax hallset ta’ kollox, il-vertenza proprja hija limitata ghall-prezz ta’ dak l-ammont ta’ *fuel* li l-konvenut jallega li ma giex kkonsenjat mill-Korporazzjoni attrici. Dan jidher ukoll mir-rikors ta’ l-appell tal-istess socjeta` konvenuta billi ma jinghad xejn dwar l-ammont li gie dikjarat bhala dovut, eccetto dejjem dak li ma rrizultax kkonsenjat.

Minn ezami tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti accettat it-tezi tal-konvenuti, u cioe` li kien hemm nuqqasijiet fil-konsenja, u kkonkludiet li, ghalkemm dan in-nuqqas ma kienx imputabbli lill-istess korporazzjoni, kemm l-istess Korporazzjoni kif ukoll il-konvenuti ghandhom jirrispondu ghal dan in-nuqqas minhabba “konfoffa” ta’ serq li seta’ kien hemm da parti tal-impjegati tal-istess Korporazzjoni u tas- socjeta` konvenuta, u wara li accettat *in toto* l-ammont indikat minn Carmelo Vella, l-accountant tas-socjeta` konvenuta, bhala rizultanti nieqes fl-ammont ta’ 47,000 litres, iddikjarat li dan in-nuqqas ghandu jigi sopportat mill-kontendenti fi kwoti ugwali.

Dwar ir-responsabbilita` personali tal-konvenut Joseph Sciculna, l-ewwel Qorti rriteniet li dan kien responsabbli *in solidum* mas-socjeta` konvenuta w dana in vista tad-dikjarazzjoni li kien irrilaxxa stante li wahda mill-obbligazzjonijiet kienet dik ta’ hlas.

**Ikkunsidrat:**

Hija regola basilari, wiehed jista’ ighid f’kull sistema guridika, li min jallega fatt irid jipprovah. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenuti li jippruvaw, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, dak li kienu qeghdin isostnu u cioe` li fil-konsenji li kienu qed isiru mill-korporazzjoni attrici lill-pompa tal-petrol gestita minnhom, kien hemm nuqqasijiet jew serq da parti ta’ impjegati tal-istess korporazzjoni jew impjegati tal-istess socjeta` konvenuta li rrizultaw f’nuqqasijiet ghall-istess socjeta` konvenuta. Izda, minn qari akkurat tal-provi kollha prodotti, din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, hija tal-fehma li din il-prova ma ngabitx. Mhux bizzejjed li jkun hemm suspetti. Infatti l-konvenut Joseph Scicluna, mistoqsi mill-ewwel Qorti jekk kienx qed ighid illi l-impjegati tieghu kienu konfoffa mas-sewwieqa tal-bowsers, irrisponda “*Mhux hekk qed nghid, qed nghid nista’ nissoponi* *<u>imma m’ghandix provi</u>*. *Li xi haga gara mad-driver li huwa mpjegat ma’ l-Enemalta, jista’ jkun man-nies tieghi ukoll, m’hu qed neskludi xejn.*” In effetti l-konvenut Joseph Scicluna qatt ma kien ikun prezenti waqt il-konsenja tal-fuel u sahansitra lanqas meta nghata parir

minn espert biex "*joqghod ghassa meta jigi l-bowser*" ma ghamel dan (ara fol. 376). U ghalhekk kif jista' l-konvenut jitfa' dell fuq terzi persuni u jakkuzahom ta' serq minghajr provi konkludenti?

Fir-realta` meta s-socjeta` konvenuta bdiet tinnota li l-istock tal-fuel li kien ikollha fit-tankijiet ma kienx jikkorrispondi ma' l-ammont li kien jigi konsenjat kif jirrizulta mill-invoices, wara li naturalment jitnaqqas il-bejgh, l-istess socjeta` ghamlet "*complaint*" mal-MIA fis-sens li kien hemm "*leakage"* mit-tankijiet. Wara dan il-*complaint* sar test billi gew zvojtati t-tankijiet u mtlew bl-ilma ghal xi granet u rrizulta li ma kien hemm ebda riduzzjoni fl-ammont ta' ilma li kien tpogga fit-tankijiet. Kien hawn li Joseph Scicluna beda jissuspetta li kien hemm xi forma ta' serq. Izda din il-Qorti tirrileva li meta t-tankijiet imtlew bl-ilma l-pompi ma gewx operati u ghalhekk dan jista' jfisser biss li t-*tanks* ma kienux qed inixxu, u ma jeskludix il-fatt li l-fuel kien qed jiskula mis-sistema tal-*pipes* li mit-*tanks* iwasslu ghall-pompi meta dawn l-istess pompi jigu operati. Infatti din il-possibilita` ingiebet a konjizzjoni ta' Joseph Scicluna, biss dan ma ghamel xejn biex jivverifika din il-possibilita`.

Dwar il-possbilita` ta' serq ta' fuel jigi osservat li l-operazzjoni kienet tinvolvi kemm id-driver tal-*bowser* tal-Enemalta kif ukoll l-*attendant* tal-pompa u cioe` l-impjegat tas-socjeta` konvenuta. Dawn il-persuni, kif jirrizulta, ma kinux midhla ta' xulxin u kienu jiltaqaw biss meta ssir il-konsenja. Dan il-fatt, akkompanjat mas-sistema stretta ta' kif isir ic-*checking* waqt il-konsenja u cioe` li l-impjegat tas-socjeta` konvenuta jivverifika s-sigilli tal-kompartimenti tal-*bowser* fejn ikun hemm il-fuel, jivverifika l-kwantita` ta' fuel permezz tad-dipstck u jqabblu ma' dak li jkun hemm fl-invoice, u finalment jivverifika li l-kompartiment tal-*bowser* ikun vojt wara li l-fuel jitferra fit-tankijiet tal-petrol station, ma jhalli ebda dubbju f'din il-Qorti li l-allegat serq kien ikun difficli biex isir. Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-*bowsers* tal-korporazzjoni kienu sorveljati eletronikament, u ma jirrizultax li dawn kienu jieqfu x'imkien fejn mhux suppost, fejn allura seta' jigi zvojtat parti mill-kontenut tal-istess *bowser*.

Ta' min josserva wkoll li fis-17 ta' Gunju, 2002, cioe` meta s-socjeta` konvenuta gia` kellha stampa cara tan-nuqqasijiet li kienu jirrizultaw, l-istess socjeta` konvenuta mhux talli ma kienet qajmet ebda ilment mal-Korporazzjoni attrici talli sahansitra b'Telefax tal-istess data ndirizzat lic-Chairman tal-istess Korporazzjoni, il-konvenut Joseph Scicluna ghal Driveline Services Limited kien mhux biss irrikonoxxa d-debitu ta' LM37,244.00 rapprezentanti arretrati dovuti ghal diversi konsenji ta' fuel ghall-perjodu bejn l-10 ta' Mejju, 2002 u l-14 ta' Gunju, 2002 (mertu ta' dawn il-proceduri) izda talli kien ppropona skeda ta' pagamenti biex dan l-ammont jithallas u kompla hekk:
*"In this situation, we will accept that you reduce our profits by 0.07 cents per litre, thus on future orders our profit/commission will* [be] *that of 01.90 cents. Plus Enemalta will also be entitled to the interest charge as agreed in contract. The most important factor of the moment is that enemalta be paid in full and that we do not loose any key contracts.*" (fol. 66)

Ammissjoni aktar cara minn din difficli li ssib. Biss jinghad ukoll li minkejja din il-weghda, is-socjeta` konvenuta naqset li tonora l-kelma taghha u ma ghamlet ebda pagament kif propost fl-istess dokument. Jinghad biss, ghal kjarezza, li d-differenza bejn l-ammont fuq imsemmi fil-FAX u dak li qed jintalab f'dawn il-proceduri hu rapprezentat minn "credit" li nghatat lis-socjeta` konvenuta minhabba diskrepanzi fl-ammonti sussegwenti li kienet hallset ghall-konsenji "on cash basis", billi l-ammonti konsenjati kienu anqas minn dak imhallas.

Illi minn dan kollu jidher li l-aggravju tal-korporazzjoni attrici huwa gustifikat u b'hekk ma ghandu jitnaqqas xejn mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-posizzjoni tal-konvenut Joseph Scicluna din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabbilita` tieghu solidali mal-kumpannija

ghandu jigi konfermat billi, kuntrarjament ghal dak li qed jigi sottomess, l-iskop ewlieni tal-ftehim tal-25 ta’ Mejju, 2001 kien il-bejgh ta’ fuel mill-Korporazzjoni attrici lis-socjeta` konvenuta, liema negozju necessarjament jinkludi l-hlas tal-istess konsenji. Ghalhekk jekk il-konvenut *proprio* intrabat “*personally and in my own personal capacity to carry out all the obligations*” kien ukoll, fil-kapacita` tieghu personali, qed jobbliga ruhu ghall-hlas ta’ kull debitu li l-istess socjeta` gestita minnu seta’ kellha mal-korporazzjoni attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qedha tichad l-appell principali tal-konvenuti u tilqa’ l-appell incidentali tal-Korporazzjoni attrici u konsegwentement qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi fl-ewwel lok tirrevokaha nkwantu ddikjarat li kien hemm nuqqasijiet fil-konsenja tal-fuel u liema nuqqasijiet ghandhom ibaghtuhom il-kontendenti nofs kull parti u tirrevokaha wkoll inkwantu kkundannat lill-Korporazzjoni attrici thallas parti minn erbgha mill-ispejjez in prim istanza, u tikkonfermaha ghall-bqija, u konsegwentement tilqa’ t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu solidalment bejniethom lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ wiehed u tmenin elf mitejn u wiehed u hamsin ewro u centezimu ta’ ewro [€81,251.01] ekwivalenti ghas-somma ta’ LM34,881.06, gia` munita legali meta gew istitwiti dawn il-proceduri, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------